# DAK LI ALLA JRID GHALIH

*Ta'* G.Z.A.

Meta Patri Ġakkin kien, fi xjuħitu, reġa' lura Malta malajr sab għadd ta' ħbieb li ta' sikwit kienu jmorru jżuruh u jieħdu pjaċir jisimgħuh jirrakkonta fuq dak li kien għadda minn għalih, għaliex hu kellu wisq xi jgħid billi kien ġera nofs id-dinja fil-missjoni u għal-hekk kiel minn ħafna platti. Kif ġa tafu wieħed minn dawk il-ħbieb kont jien.

Darba ried ifissirli kif ħadd ma jista' jidħol fil-ħsieb t'Alla u qalli din l-istorja, li ser nipprova ngħidha kemm jista' jkun kif kien qalhielu hu.

Mela fost l-oħrajn, darba messitu li jmur jippriedka l-eserċizzi tar-Randan fi gżira żgħira li kont tista' tgħidilha lebbrosarju kollha kemm hi għaliex fiha kienu jgħixu għadd ġmielu ta' mġiddmin; kien hemm ukoll sptar kbir għall-kura ta' dawk l-imsejkna morda. Tistgħu taħsbu kemm stagħġeb u fl-istess ħin feraħ, Dun Ġakkin, meta hemm-hekk iltaqa' ma' żewġ Maltin, mara u raġel, it-tnejn tobba, li wara li żżewġu kienu marru jaħdmu f'dik l-art. Imma, jaħasra, il-mara kellha saħħitha ġa mifnija u r-raġel ma kienx wisq aħjar minnha għalkemm ma kinux ilhom li skorrew il-ħamsin.

Dun Ġakkin ma kien qatt iltaqa' magħhom hawn Malta lil dawk it-tnejn u ma kienx jafhom hu; sema' l-istorja tagħhom minn Ġużeppi, imbikki għat-telfa ta' martu, li hu kien iħobb daqs il-mimmi ta' għaj-nejh. Kienet biss il-firda minnha li kienet taqsamlu qalbu għaliex hu, li kien jafha hekk mill-qrib, kien żgur li jekk hawn ġenna, 'l hemm ittajret ruħha malli ħarġet minn ġisimha.

Kienu ltaqgħu meta kienu għadhom fil-Kors tal-Mediċina hawn Malta. Hu x'aktarx fqir; hi ta' nisel nobbli, u x'aktarx għanja. Hu bin mara armla; hi kienet imrobbija, flimkien ma' ħuha, iżgħar minnha, minn zitha, oħt ommha. Ommu kienet għalliema fl-iskejjel tal-Gvern, sew qabel ma żżewġet, kemm wara li romlot u bix-xogħol tagħha rabbiet u edukat liż-żewġ uliedha, tifel u tifla. Zit il-mara kienet ħadet magħha lin-neputijiet, meta oħtha mietet wara operaz-zjoni, u żewġha, ftit wara kien reġa' żżewweġ mara stranjiera. Omm Ġużeppi xi sena u ftit wara li kienet ħarġet mill-Kulleġġ kienet iżżew-ġet raġel armel, bla tfal, li kien tilef lil martu b'disgrazzja tal-gwerra, ma' missierha, avukat; imma billi kien armel u xi għaxar snin akbar minnu; ħalla karajh wkoll xi ħaġa żgħira tal-flus u dar ċkejkna fil-l-familja tagħha ma kellhomx pjaċir bih u ħtija t'hekk huma kienu nqatgħu minn niesha. Kemm damu jgħixu flimkien pattielha mħab-bitha b'rispett l-aktar kbir u kien jagħmel kull ma jista' biex jaraha

hienja. Miet qasir il-għomor, wara inqas minn għaxar snin żwieġ u ħallielha żewġ ulied, it-tifel ta' sitt snin u t-tifla xi sena u ftit iżgħar minnu; ħalla warajh ukoll xi ħaġa żgħira tal-flus u dar ċkejkna fil-kampanja, imma ħelwa ħafna, li kienu bnew flimkien u li fiha nġabret meta romnot. Mara ħawtiela ftit wara li tilfet ir-raġel ħabirket biex issib impieg u reġgħet daħlet tgħallem. Aktar minn qabel, tat ruħha għal uliedha u għax-xogħol tat-tagħlim. Fil-għodu kienet tqum kmieni, tlesti l-affarijiet tad-dar, tħejji xi tisjir u xi ħaġa oħra tal-ikel, imbagħad tqajjem it-tfal, tlibbishom u toħodhom magħha l-knisja qabel ma flimkien imorru l-iskola. Wara l-erbgħa kont taraha, imgħaġġla, imgħaġġla, dejjem biż-żewġt itfal ma' djulha, tagħmel ix-xirja u xi qadja oħra; imbagħad kienet tinġabar id-dar, tilħaq għassitha, tirranġa, tnaddaf, tħejji x-xogħol ta' l-iskola, iddur ma' wliedha, u tilgħab magħhom jew tgħidilhom xi storja. Hekk kienet il-ħajja ta' kuljum ta' dawk it-tlieta sakemm it-tfal kibru, bdew imorru skola oħra u kull wieħed minnhom beda jkollu jfendi xi ftit għal rasu — imma t-tlieta baqgħu marbutin b'ħolqa ta' mħabba li qatt ma tkissret. Billi hi kienet fuq ruħha, mara sbejħa u taf tmur man-nies, mhux raġel wieħed jew tnejn xeħet għajnejh fuqha u xtaq jiżżewwiġha, iżda qatt ma tat wiċċ lil ħadd u ma ridetx taf bi żwieġ, l-anqas meta l-Kappillan mar iħajjarha u jwasslilha kelma minn għand wieħed qaribu. Uliedha kienu ħajjitha u kienet issib faraġ biss meta tiftakar li kemm kien dam ħaj żewġha qatt ma kienet naqsitu u li kienet tatu mħabbitha kollha; it-tifkira tiegħu kienet imnaqqxa f'qalbha u qatt ma għebet minn quddiem għajnejha. Bil-għaqal u x-xogħol, u fuq kollox bl-għajnuna t'Alla, kienet wasslet lil binha tabib u lit-tifla tieħu grad fil-letteratura u wara timpjega ruħha tgħallem fi skola sekondarja.

Ġużeppi kien jistudja bil-ħerqa u bid-dehwa: Alla kien għanieh b'dehen kbir, u hu kien jifhem li t-talenti trid tħaddimhom u ta' wieħed iġġib tnejn. Fuq kollox kien tifel tajjeb: kien jaf igħożż dak li kienet tagħmel ommu għalih, x'sagrifiċċju kien jiswielha, kemm kienet ittaqtaq qalbha fil-ġranet tal-eżamijiet, kemm tinkedd meta kien jiddobba xi riħ, iħossu ħażin, jew jiddawwar jasal id-dar mill-isptar jew x'imkien ieħor.

Hu kien x'aktarx żagħżugħ mistħi, u donnu aktar daħal f'qoxortu meta nduna li kien qed iħoss ġibda kbira lejn Marija, billi kien jaf li kienet sinjura u nobbli u waħħal f'moħħu li ma setax jkollu ebda tama li xi darba kienet sejra tħabbel rasha bih. Infatti dan l-istess sentiment kien beda bħallikieku jaqtgħu mid-dinja u bdiet tinbet fih il-ħajra li jitlaq il-Mediċina u jmur jingħalaq f'kunvent. Iżda kien minn jum għal ieħor iħalli d-deċiżjoni għall-għada, l-aktar billi kien jibża' li jista' jweġġgħalha qalbha lil ommu. Jew għaliex Alla hekk

ried.

Marija wkoll bla ma tifhem sewwa għaliex kienet tħossha miġbuda lejn it-tifel studjuż u mistħi. Hi kienet ta' kultant tersaq lejh u tibda tkellmu, imma hu kien jiħmar, donnu jitriegħex u xi drabi bilkemm ilissen kelma. Għaliex kien moħħu biss fix-xogħol u fl-istudju kienet tista' tifhem sewwa, għalkemm hi, min-naħa tagħha, ma kienu f'kamrithom qegħdin jistrieħu, donnu Alla sejħilhom, bħalma u kienet daħlet fil-Kors għax kienet tħobb il-mediċina, bħal nannuha, u x'aktarx għall-gost biex ikollha x'tagħmel.

Damu xhur sħaħ ma qalu kelma lil xulxin fuq din il-ġibda tagħhom, infatti kienu kważi waslu fi tmiem il-kors universitarju meta lejla waħda ltaqgħu f'waħda minn dawk il-"festi" żgħar li l-istudenti jagħmlu bejniethom; ma jafux kif sabu ruħhom waħedhom f'rokna ta' sala kbira waqt li sħabhom kienu ferħanin mitlufa, jiżfnu, jaqbżu u jkantaw. U l-imħabba rebħet, u bla ma kienu jafu kif, fetħu qalbhom ma' xulxiin. Hu qalilha kemm kien miġbud lejha, u hi qaltlu li kellha grazzja miegħu; hu qallha li kien fqir u ltim, hi qalltlu li kellha għat-tnejn u li kienet iltima bħalu; hu qallha li kien ta' sikwit joħlom b'għajnejh miftuħa dwar imħabbithom u hi żiedet tgħidlu li mħabbtu *biss* riedet fid-dinja; staqsieha jekk qattx jistgħu jkunu ta' xulxin u weġbitu li dik kienet ix-xewqa tagħha.........u hekk baqgħu sejrin minn jum għal ieħor jistudjaw u jinħabbu, jaħdmu u jinħabbu sakemm wasal il-jum li quddiem Alla u l-bnedmin intrabtu ma' xulxin b'ħolqa ta' mħabba, għaliex, id f'id, kienu rebħu kull tixkil, li, biex jingħad is-sewwa, ma kienx kbir, billi ommu kienet taf xi tfisser l-imħabba u l-hena tagħha kien li tara lil binha kuntent, u zitha rat fl-imħabba ta' Marija dak li minnu l-ħajja kienet ċaħħdet lilha.

Imma Alla donnu ried juri bid-dieher li kien sejħilhom għal triq oħra għaliex ma tahomx tfal u r-rabta tagħhom mad-dinja bdiet tinħall bla lanqas ma ndunaw.

Għaddew xi snin, it-tnejn jaħdmu fl-isptarijiet, iduru bil-morda, ifarrġu lill-imnikktin, imma lejla waħda, f'mument ta' kwiet, meta kiennu f'kamrithom qegħdin jistsieħu, donnu Alla sejħilhom, bħalma kien darba sejjaħ lil Sawlu, għaliex il-kliem beda ġej bħaċ-ċirasa, u wrew lil xulxin dak li kienu ilhom itellgħu u jniżżlu f'moħħom u jsorru f'qalbhom. Bħal f'leħħa ta' berqa, il-kwadru ta' ħajjithom deher ċar quddiem għajnejhom, saru jafu x'kienet ix-xewqa tagħhom u kemm kienu t-tnejn miġbudin lejn l-istess ħaġa. Marija kienet imsieħba f'pubblikazzjoni dwar il-missjunarji li jaħdmu fost il-morda, imma l-aktar qalb dawk li l-ħajja tathom fuq wiċċhom ħtija ta' mard ikrah, kontaġġjuż jew infettiv u li għalhekk jbażża' lin-nies. Fost dawn hemm l-imġiddma, nies imniġġsa b'marda li timmanka u tkerrah

hekk li ġġieghlek tistkerrah lil min jittieħed minnha; għal dawn kien hemm sptarijiet u kliniki speċjali — lebbrusarji; bosta drabi dawn l-imsejkna kienu jinġabru jgħixu flimkien qrib xi wieħed minn dawn l-isptarijiet, meta ma kinux jgħammru f'xi gżira żgħira u b'hekk jinqatħgu għal rashom mill-bqija tal-bnedmin. Marija kienet tammira ħafna lil dawk li kienu joffru ħajjithom biex itaffu xi ftit l-imrar ta' dawk l-imsejkna morda u jgħinu lil xi wħud minnhom ifiqu. Hi ta' sikwit kienet tistaqsi lilha nfisha għaliex ma tagħmilx qalb, la Alla ma kienx berikha bl-ulied, u tmur taħdem fost dawk l-iddisgrazzjati; imma meta kienet tiftakar f'Ġużeppi tagħha kienet titlef kull ħila, għax li tħallih waħdu, warajha, kienet għaliha ħaġa tqila wisq.

Imma għal Alla xejn mhu tqil, u Hu jaf jiftaħ triq qalb l-aktar blat samm u jwittiha wkoll. Kif ġa tarraft, meta Marija u Ġużeppi kienu nġabru f'kamrithom għal ftit tal-mistrieħ, Ġużeppi qabad f'idejh ktejjeb minn dawk li semmejt; beda jaqra u jħares lejn l-istampi. Ta' kultant kienet iġġelben qatra dmugħ ma' ħaddejh. Marija ndunat, u:

"Xi ġralek, ruħi?" qaltlu.

"Xejn", weġibha, "Imma dawn l-imsejkna lebbrusi jaqsmuli qalbi; meta niftakar f'dawk is-sorijiet u patrijiet, dawk it-tobba u l-infermieri li għall-imħabba t'Alla u ta' għajrhom igħaddu ħajjithom fost dawn l-imsejkna, nitgerrex minni nnifsi, qalbi tinqasam u nixtieq...........imma aħjar xejn".

"M'aħniex tobba, aħna wkoll?" issoktat Marija. "Ma nistgħux nagħmlu bħalhom aħna wkoll? M'aħniex Insara aħna? L-imġiddma mhumiex ħutna? X'qegħdin nagħmlu hawn f'din id-dinja? Ma taniex Alla aktar milli ħaqqna? X'sejrin nagħtuh biex inpattu?" U kliem ieħor bħal dan, li ħareġ minn fomm u qalb Marija, u li nissel serħan fil-qalb imħabbta ta' Ġużeppi.

Minn dan bdiet, bil-qajla l-qajla, it-tħejjija tagħhom biex jittarrfu mill-bnedmin u jmorru jaħdmu f'dak il-lebbrosarju. Marija tat il-bini li kellha lil zitha u lil ħuha u żammet biss il-flus li kellha, għall-vjaġġ u ħtiġiet oħra. Ix-xi ħaġa li kienu faddlu flimkien tawha lil omm u oħt Ġużeppi u telqu għal għonq it-triq, jimxu wara l-kewba t'Alla sakemm wasslithom qalb l-imġiddma. Hemm bdew ħajja ġdida — ħajja ta' sabar u ta' sagrifiċċju li titlob rieda ta' l-azzar, imma li fl-aħħar tifnik u teqirdek iżda twasslek fil-ħajja ta' dejjem. Min ma għex qalb dawn in-nies qatt ma jista' jġib sewwa quddiem għajnejh u jifhem x'kienet il-ħajja ta' Ġużeppi u Marija.

Meta Dun Ġakkin iltaqa' magħhom Marija kienet, biex ngħid hekk, fuq is-sodda tal-mewt, mifnija minn xogħol li jkidd kif ukoll minn xi muqqasijiet. Kemm ħadet pjaċir, tagħmel l-aħħar qrara tagħha bil-Malti! Kemm talbet bil-qalb, b'liema ħerqa tenniet il-ġa-

kulatorja "Ġesù, Ġużeppi, Marija, nagħtikom qalbi u kull ma fiha" -- dak it-talb li kienet tgħallmet minn fomm ommha u tenniet kemm-il darba ma' zitha u ħuha meta kienet għadha magħhom u li ta' kull lejl qabel ma torqod kienet tgħid bosta drabi ma' Ġużeppi tagħha. Kemm irrakkomandat lil żewġha lil Alla u lil Dun Ġakkin u fl-aħħar għalqet għajnejha fis-sliem tal-Mulej.

Dun Ġakkin qalli li ftit granet wara ħtieġlu jitlaq minn dik il-gżira, u li qabel ma telaq kien deherlu li Ġużeppi kien reġa' beda jderri. Imma xi xahar wara waslitlu ittra minn għand il-Patri Superjur fejn qallu li Ġużeppi kien waqa' fi swied il-qalb kbir u ftit wara hu wkoll kien miet, x'aktarx b'qalb maqsuma, imma li ruħu żgur kienet ittajret fi ħdan il-Mulej biex hemmhekk issib is-serħan u l-hena tagħha ma' dik ta' martu li dejjem ħeġġitu biex jaħdmu flimkien għal dawk l-imsejkna li wkoll kienu mifdija mid-demm ta' Kristu: "Kull ma nagħmlu għall-iċken wieħed minn dawn, nagħmluh għalih."